**Name:** News Book

**Article Title:** Tnissil ta' tonn mingħajr l-użu tal-ormoni

**Audience**: General

**Media:** Online

**Date:** 13.NOV.2013

**URL:** [www.newsbook.com.mt/artikli/2013/11/13/tnissil-ta%27-tonn-minghajr-l-uzu-tal-ormoni.11967](www.newsbook.com.mt/artikli/2013/11/13/tnissil-ta%27-tonn-minghajr-l-uzu-tal-ormoni.11967)

newsbook

LOKALI

# Tnissil ta' tonn mingħajr l-użu tal-ormoni

*Catherine Aquilina - 13/11/13 06:05 PM*






Konsorzju magħmul minn 13-il imsieħeb minn tmien pajjiżi differenti fosthom Malta, kisbu riżultati notevoli meta rnexxielhom inisslu tonn fil-'fish farms' u b'hekk jipprovdu bażi għal ġejjieni sostenibbli ta' din l-ispeċi mhedda.

Dan il-proġett beda daqs 13-il sena wara konferenza internazzjonali, DOTT (*DOTT - Domestication of Bluefin tuna Thunnus thynnus*) bl-iskop li tkun studjata r-riproduzzjoni tat-tonn kemm fl-ambjent naturali kif ukoll fil-magħluq.

Lokalment, iċ-Ċentru għar-Riċerka tal-Akwakultura kkoordina l-esperimenti Maltin u l-kampjuni ta' tonn fl-ambjent naturali tiegħu, filwaqt li l-kumpanija MFF Ltd kienet responsabbli għaż-żamma tal-ħut ripporduttiv, għall-esperimentazzjoni fuq skala kbira dwar in-nutrizzjoni ta' dan il-ħut, għal provi ta' trasport tal-bajd, kif ukoll għal provi tat-trobbija tal-frieħ.

Kelliem għall-konsorzju qal li, "grazzi għall-iffinanzjar mill-UE, li jammonta għal kważi €3 miljun, il-konsorzju rrekluta speċjalisti f'kull qasam, fosthom għaddasa u x-xjentisti, kif ukoll żviluppa teknoloġiji ġodda li permezz tagħhom ir-riproduzzjoni u t-takkbir fil-magħluq ta' din l-ispeċi setgħu jkun mmaniġġjati u studjati."